# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT:
## DR ANTONIO MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG. JUR (EU LAW)

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 27 TA' MARZU 2001**

Citazzjoni numru 11/00

Annunziata sive nancy Portelli

-vs-

Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Ghawdex

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-28 ta' Jannar 2000 fejn l-attrici wara li ppremettiet illi hija Annunziata sive Nancy Portelli twieldet fin-Nadur, Ghawdex fit-tmienja (8) ta' Novembru elf disa' mija tlieta u hamsin (1953) u l-att tat-twelid taghha gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Ghawdex bin-numru progressiv sitt mija u tlieta u erbghin tas-sena elf disa' mija tlieta u hamsin (643/1953) (Dok A);

U illi fl-istess att tat-twelid isem l-attrici gie imnizzel bhala "Annunziata" u dan nonostante illi l-genituri taghha riedu li isem l-attrici ikun "Nancy";

U illi di piu l-attrici dejjem kienet maghrufa ossia msejha bl-isem ta' "Nancy" mentri fil-fatt fic-certifikat tat-twelid tnizzlet bl-isem ta' "Annunziata";

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid numru sitt mija u tlieta u erbghin tas-sena elf disa' mija tlieta u hamsin (643/1953) billi fil-kolonna "ismijiet moghtijin" kif ukoll fil-kolonna "Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" l-isem "Annunzjata" jigi sostitwit bl-isem "Nancy".

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa ngunt.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici guramentata mill-attrici Annunziata sive Nancy Portelli;

Rat l-opportuna pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern numru 3409 tat-12 ta' April 2000 permezz ta' l-Avviz numru 703;

Rat ir-rikors ta' l-attrici ghall-beneficcju tal-ghajnuna legali tat-28 ta' Jannar 2000 akkordat minn dina l-Qorti diversament preseduta b'digriet ta' l-istess jum;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li fiha huwa eccepixxa:

1. illi huwa mhuwiex edott mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba salv li jkunu l-ahjar u sodisfacenti skond il-ligi.

2. Illi huwa m'ghandux ibati spejjez.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

L-attrici qeghdha taddici dina l-Qorti biex tikkorregi l-att tat-twelid taghha numru 643/1953 billi isimha "Annunziata" migjuba fil-kolonni rispettivi "Ismijiet moghtijin" u "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi imsejha" jigi sostitwit bl-isem "Nancy".

Dina l-Qorti wara li semghet l-attrici u rat id-dokument anness mac-citazzjoni hi sosdisfatta li t-talba taghha ghandha tigi akkolta stante li jirrizulta li hi maghrufa bl-isem ta' "Nancy"; liema isem jirrizulta li konsistentement kienet u qeghdha tuza u li huwa dak li bih hi maghrufa.

Ghal dawn il-motivi dina l-Qorti qeghdha tilqa' t-talbiet ta' l-attrici,  billi:

1. Tordna l-korrezzjoni ta' l-Att tat-Twelid numru sitt mija u tlieta u erbghin tas-sena elf disa' mija tlieta u hamsin (643/1953) billi fil-kolonni rispettivi "Ismijiet moghtijin"  u "Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi imsejha"  l-isem "Annunzjata" jigi sostitwit bl-isem "Nancy".

Spejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
Deputat Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur